# Djarju ta' Attivitajiet

| | | |
|---|---|---|
| **Ottubru** | | |
| Il-Ġimgħa 10 | Sezzjoni Żgħażagħ | Extreme Green Party |
| Il-Ħamis 16 | Sezzjoni Nisa | Coffee Morning u Tombla |
| Il-Ġimgħa 24 | Sezzjoni Żgħażagħ | Ikla fil-Każin |
| Il-Ħamis 30 | Sezzjoni Nisa | Coffee Morning u Tombla |
| Il-Ġimgħa 31 | Sezzjoni Żgħażagħ | Extreme Green Party |
| **Novembru** | | |
| Il-Ġimgħa 7 | Kumitat Ġenerali | Ikla fil-Każin |
| Is-Sibt 8 | Klabb tat-Tfal | Party ta' San Martin |
| Il-Ħamis 13 | Sezzjoni Nisa | Coffee Morning u Tombla |
| Is-Sibt 15 | Kummissjonijiet Banda u Kultura | Kunċert u preżentazzjoni ta' wara s-Simposju |
| L-Erbgħa 19 | Kumitat Ġenerali | Quddiesa għall-Erwieħ b'suffraġju għas-soċi mejtin |
| Il-Ġimgħa 21 | Sezzjoni Żgħażagħ | Extreme Green Party |
| Il-Ħamis 27 | Sezzjoni Nisa | Coffee Morning u Tombla |
| **Diċembru** | | |
| Is-Sibt 6 | Kumitat Ġenerali | Ikla fil-każin |
| Il-Ħadd 7 | Kumitat Ġenerali | Laqgħa Ġenerali annwali |
| It-Tnejn 8 | Klabb tat-Tfal | Arts and Crafts Party |
| Il-Ħamis 11 | Sezzjoni Nisa | Coffee Morning u Tombla |
| Is-Sibt 13 | Kumm. Banda | Marċ mill-Banda San Filep ta' Jum ir-Repubblika, fil-Belt |
| Il- Ħadd 14 | Kummissjonijiet Banda u Kultura | Kunċert tal-Allievi u ftuħ tal-Wirja tal-Milied |
| Il-Ġimgħa 19 | Sezzjoni Nisa | Dinner Dance |
| Il-Ħadd 21 | Kumm. Banda | Marċ fil-pjazza b'daqq ta' innijiet tal-Milied |
| L-Erbgħa 24 | Kummissjoni Nar | Social Evening tal-Milied |
| Il-Ġimgħa 26 | Sezzjoni Żgħażagħ | Party għat-tfal tas-Soċji |
| L-Erbgħa 31 | Kummissjoni Nar | Ikla tal-aħħar tas-sena |

* *Dħul għal-Coffee Mornings bla-ħlas*

## Id-DVD tal-festa ta' San Filep 2008 għall-bejgħ




## Ktieb tas-Simposju għall-bejgħ

F'Novembru 2008 se joħroġ il-ktejjeb tas-simposju dwar Luigi Fontana li sar fit-2 ta' Ġunju 2008. Jekk attendejt zgur li tixtieq takkwista dan il-ktejjeb. Jew ma kontx attendejt dan hu ċ-ċans tiegħek li dduq ftit mill-benna li ħarġet minnu. Jinkiseb bi ħlas żgħir, mill-bar tal-każin u mingħand il-kaxxier, is-Sur Salvatore



Marisa Calisti ▶

## Ħsieb Spiritwali

Min iħobb jagħder, jittollera u jaħfer. Hekk għamlu l-qaddisin tul ħajjithom. U aħna li ngħidu li nħobbu lil dan jew dak il-qaddis, meta se nibdew nagħmlu hekk biex f'raħalna ikun hemm aktar armonija bejn kulħadd?

## Wirja tal-Milied fil-Każin Banda San Filep

Bejn il-Ħadd 14 ta' Diċembru 2008 u l-Ħamis 1 ta' Jannar 2009 se tittella' wirja oħra tal-Milied. Fin-notice board issibu avviżi dwar din u dwar sorpriża tal-Milied.

## Stedina.. lil Kulħadd.

**Rigal tal-Milied**

Kunċert tal-Milied mill-allievi tal-Banda San Filep
nhar il-Ħadd 14 ta' Diċembru 2008
fil-Każin San Filep.
Wara jiġu inawgurati Presepju Kbir u wirja tal-Milied. Ikun hemm sorpriża għal dawk preżenti.

**Kunċert Speċjali**

mill-Orkestrina tal-Banda San Filep
pubblikazzjoni ta' ktieb ġdid:
Rapport tas-Sumposju dwar Luigi Fontana
fis-7.30pm is-Sibt 15 ta' Novembru 2008
fil-Każin San Filep

**JADE JEWELLERS**

**Main Street, Żebbuġ**

**Tel: 21 463833**

**Importers of Fine Jewellery and Silverware. The Place to find gifts of Silver, Gold Jewellery and Silver Giftware.**

# TA’ L-ISTILLA

Leħen l-Għaqda Każin Banda San Filep A.D 1851 Ottubru 2008 – Ħarġa 10


# Kburin u kuntenti

## Editorjal

L-Għaqda Każin Banda San Filep hi kontinwament impenjata f’ħidma kulturali tul is-sena kollha. Qabel ma biss is-soci attivisti tal-Għaqda jlestu l-ħidma tal-lum ikunu diġà qed jippjanaw dik ta’ għada.

Din il-bżulija hija fattur fost oħrajn li mhux biss iżomm din l-Għaqda ħajja imma jgħinha tkompli tikber kif ilha tagħmel. Aktar ma naħdmu aktar nimtlew b’ħeġġa u entużjażmu biex inkomplu nimxu dejjem iżjed ’il quddiem. U f’dak li nagħmlu nfittxu l-ewwel li nkabbru l-identità Żebbuġija. Ta’ dan aħna kburin.

Fuq kollox nifirħu lil kull fergħa tal-Għadqa tas-suċċessi sbieħ li qed jiksbu fil-ħidmiet bla heda tagħhom.


**TA’ L-ISTILLA**

*Kull korrispondenza għandha tintbagħat*
*Ta’ l-Istilla*
*Għaqda Każin*
*Banda San Filep A.D. 1851*
*12, Misraħ San Filep,*
*Ħaż-Żebbuġ -ZBG 0011*
*website:*
www.bandasanfilep.com.mt


Inħossuna kburin u fl-istess ħin kuntenti li anke din id-darba għandna ħafna tagħrif ta’ kwalità x’ngħaddulkom dwar il-ħidmiet tal-Għaqda Każin Banda San Filep. Fejn forsi tistenna li wara t-taħbit mhux żgħir tal-festa, l-attivitajiet tal-għaqda jmajnaw u l-membri jbaxxu rashom għall-ħedla tas-sajf shun, fil-fatt ġara bil-kontra. Kull taqsima tal-Għaqda żiedet flok naqqset ħidmietha u allura l-attivitajiet komplew joktru u jitjiebu.



Il-ġitanti tal-Għaqda qudiem in-niċċa ta’ San Filep fil-Knisja ta’ Calatabiano.

Konna għadna qed niggustaw is-suċċess tas-simposju dwar Luigi Fontana, bid-diskors tal-esperta Marisa Calisti mimli għerf u t-twissijiet tagħha dwar il-ħarsien li teħtieġ l-istatwa ta’ San Filep – li fi kliema hija wirt dinji – meta fuq stedina tal-Kunsill Lokali ta’ Ħaż-Żebbuġ ġew iżuruna delegazzjoni mill-Comune ta’ Calatabiano u oħra minn Aci San Filippo, żewġt ibliet Sqallin li fihom ukoll ħadem San Filep. Id-devozzjoni lejn San Filep għadha ħajja, kbira u qawwijja f’dawn il-bliet. Dawn il-mistednin tpaxxew mhux ftit b’kulma fiha l-festa tagħna li għalkemm differenti minn tagħhom għoġbithom wisq. Laqathom ħafna il-volontarjat kbir li sabu hawn ta’ nies li jagħtu ħinhom u flushom biex issir festa hekk kbira: “La grande festa” kif sejħulha huma. Fuq inizjattiva taż-żewġ sindki ta’ Ħaż-Żebbuġ u ta’ Calatabiano bdew kuntatti ta’ ħbiberija, kollaborazzjoni u skambji bejn iż-żewġt ibliet.

Imbagħad meta f’nofs Awwissu l-Għaqda kienet mistiedna għandhom, laqgħuna bil-kbir: ħassejna ruħna bħallikieku konna ilna nafu lil xulxin, u sirna kważi ta’ ġewwa. In-nies li mlew il-pjazza prinċipali ta’ Calatabiano nhar it-Tnejn 18 ta’ Awwissu semgħu minn fomm is-sinku Antonio Filippo kemm x’ammirazzjoni sar għandhom lejn iż-Żebbuġin u wara wrew kemm għoġobhom il-musical “Ir-Rebbieħ” mhux biss bl-attendenza sabiħa imma wkoll bl-applawsi spissi mimlija entużjażmu.



Is-sindki ta’ Limina u ta’ Ħaż-Żebbuġ jakkumpanjaw il-purċissjoni f’Limina.

Bdejna ħbiberija ġdida ma’ belt oħra fi Sqallija: Limina, fejn ukoll hemm devozzjoni kbira lejn San Filep. Dawn laqgħuna bil-banda, refgħulna siġġijiet quddiem nett fil-knisja imballata (anke z-zuntier u t-triq ta’ quddiemu kienu ffullati), tawna post ta’ unur fil-purċissjoni u wara għamlulna ikla kif imiss. Għandhom arċipriet simpatiku li jaf lil Malta u lil Ħaż-Żebbuġ u li jaħdem id f’id mal-kunsill u mal-banda tal-post biex l-affarijiet isiru b’armonija kbira.

Dawn kienu l-aktar mumenti entużjażmanti f’ġita suċċess li matulha zorna postijiet oħra wkoll.


**GĦAL KULL GĦAŻLA TA’ XORB U APPETIZERS MILL-AQWA**

*Il-Bar tal-Każin San Filep*

**Ikliet tal-ħbieb**
**Il-Barman Ġanni jilqagħkom...**

# Attivitajiet u Aħbariji



Waħda mill-ikliet organizzati miż-Żgħażagħ.

• Is-sezzjonijiet taż-Żgħażagh u tan-Nisa kienu mħabbtin is-sajf kollu: kont issibhom f'kull attività, jgħinu jarmaw jew anke jorganizzaw ikliet u ħarġiet.

• Matul dan is-sajf saru iżjed mis-soltu ikliet u barbeques (sitta minbarra t-tliet ta' żmien il-festa) biex minnhom jinġabru fondi għall-armar u n-nar tal-festa. Kull fergħat qed ikollha suċċess wara l-ieħor. Ammirajna bil-kbir l-armar ġdid li żżanżan dis-sena u r-restawr tal-iskronġ. Daqshekk ieħor tpaxxejna bin-nar tal-ajru u tal-art. Il-barranin li żaruna fil-festa ma kellhomx kliem biżżejjed biex ifaħħru l-ħila tal-artiġġjani tan-nar – u dan għamluh kemm f'Ħaż-Żebbuġ waqt il-festa u kemm f'Calatabiano quddiem nieshom.

• Il-Banda San Filep wettqet bl-unuri l-impenji tagħha kemm dawk fil-festa ta' San Filep f'Ħaż-Żebbuġ kif ukoll dawk f'Ħal Qormi, iż-Żurrieq, il-Qrendi u l-Għargħur. Il-għadd ta' nies minn kull qasam tal-ħajja li marru jakkumpanjaw il-banda u l-kummenti tajbin dwarha, jimlewna b'aktar u aktar sodisfazzjoni għas-suċċess li qed tikseb.

## Skola Sajf 2008

Barra minhekk, din is-sena bdejna attività ġdida għat-tfal li jattendu Skola Sajf. Fl-24 ta' Lulju għadd ta' allievi tal-banda mmexxijja minn Mro Michael Ciantar żaru l-iskola tal-gvern fejn daqqew innijiet ta' pajjiżi Ewropej wara li s-surmast ta spjega lit-tfal dwar l-istrumenti tal-banda. Imbagħad l-4 ta' Awwissu, it-tfal ta' Skola Sajf żaru l-każin fejn kellhom introduzzjoni awdjoviżiva, kompetizjonijiet b'rigali u dawra mal-bini tal-każin mis-swali ta' fuq sax-xelter ta' taħt l-art.





Mro Michael Ciantar u xi allievi tal-Banda San Filep waqt waħda miż-żewġ attivitajiet li saru għat-tfal ta' Skola Sajf 2008.

## Klabb tat-Tfal ta' l-Istilla

Anke dan kompla żied l-attivitajiet tiegħu, matul is-sena kollha. Dawn jilħqu l-quċċata fi żmien il-festa. Jidher illi l-purċissjoni li jagħmlu dawn it-tfal fil-pjazza b'San Filep żgħir ingħoġbot sewwa u t-tfal u l-ġenituri ikollhom premura għaliha. Ingħoġbu wkoll il-parties li jsirulhom matul is-sena u l-aktar fil-ġimgħa tal-Milied.

Issa li għaddew il-btajjel tas-sajf it-tfal jerġgħu jibdew jiltaqgħu. Matul l-istaġun li jmiss it-tmexxija ta' dan il-klabb se torganizza tliet attivitajiet differenti mimlijin logħob u tagħlim.



It-tfal tal-Klabb Tfal ta' L-Istilla li ħadu sehem fil-purċissjoni ta' San Filep iż-żgħir.

## Riżultati sbieħ miksuba mill-allievi tal-Iskola tal-Mużika

Erbgħa aljevi mis-sezzjoni tar-ram li dan l-aħħar qagħdu għall-eżami tal-prattika tal-Għaqda Każini tal-Banda, għaddew u ġabu marki tajbin. Dawn huma Kevin Attard, Philip Vella, Daniel Farrugia u Joseph Borg (li ġab 91% fid-daqq tat-trumbun). Nifirħulhom u nawgurawlhom li jkomplu b'determinazzjoni fit-triq li qabdu. Min-naħa tagħna nkomplu nipprovdu t-tagħlim u l-istrumenti b'xejn lilhom u lil dawk kollha li jiffrekwentaw l-iskola tal-mużika tal-Banda San Filep.



• Fil-preżent iż-żewġ sezzjonijiet tal-Iskola tal-Mużika diġà bdew iħejju għall-attivitajiet tal-Milied, meta jkun hemm żewġ attivitajiet iddedikati lill-allievi f'dan ix-xahar hekk sabiħ.


**TWANNY SPITERI U WENZU PSAILA**

INTERNATIONAL FUNERAL SERVICES

• over 30 years of experience
• 24 hour service • bookmarks
• importer of photo ceramic & marble work
• Il-Kor fil-quddiesa bla ħlas

*(Day & Night) Tel:* 21460950
*Office* 21472219 • *Mob:* 99471168
*Offices:* 23, Triq it-23 ta' April, Qormi



# et... Ħidma b'impenn

## St Philip Pageant Group – Stedina

**Wara s-suċċess tal-Musical "Ir-Rebbieħ", twaqqaf pageant group fi ħdan il-Kummissjoni Kultura biex iħejji attivitajiet speċjali għal okkażjonijiet partikulari. Din hija opportunità li qed tistenniek.... int ta' liema età int.**

Tħobb **id-drama, teatru, wirjiet spettakolużi** (*pagaentry*) u **rappreżentazzjonijiet** (*reanactments*)?
Ingħaqad magħna … niggarantulek esperjenzi sbieħ li jgħinuk tiżviluppa t-talenti tiegħek.

Għal aktar tagħrif ċempel lil
BRIAN BONNNICI fuq 79270400
jew lil PHILIP BALZAN fuq 99838806.

**NIFIRĦU LIC-CHAPIONS TA' MALTA...**

**Lil Klabb tal Boċċi ta' Ħaz-Żebbuġ għas-succes li kisbu fil kampjonat Nażżjoniali**





• Anki l-ħidma amministrattiva kienet aktar kbira mis-soltu. L-Għaqda Każin Banda San Filep issa hija rikonoxxuta uffiċjalment bħala Organizzazzjoni Volontarja skond l-Att XXII tal-2007.

• Tħejja DVD dwar il-festa kif ukoll ktejjeb bid-diskorsi tas-simposju. U qed titħejja sorprisa ħelwa għal żmien il-Milied li għandha tgħoġob lill-membri, lill-ħbieb sostenituri ta' din l-Għaqda u lil kull min hu ta' rieda tajba.

• Il-manutensjoni u titjib ġenerali fil-kamra tan-nar baqa' għaddej matul is-sajf, meta ma kienx qed jinħadem nar. Sar xogħol ta' rħam fuq il-wiċċ tal-qabar tal-każin fiċ-Ċimiterju tal-Qalb ta' Ġesù.



• Is-sala tal-logħob qed tiġi rinovata miż-żgħażagħ.

• Nhar il-Ħadd 28 ta' Settembru ġie jżur il-każin Dr Joseph Muscat. Din kienet oħra f'sensiela ta' żjarat minn dinjitarji fosthom il-Prim Ministru Dr Laurence Gonzi u l-Isqof t'Għawdex Mons. Mario Grech.

• F'Settembru fis-swali ewlenin tal-kazin ġie iffilmjat taħt id-direżjoni ta' John Suda, partijiet minn tele serjal televiziv li se jintwera f'Jannar 2009.

## Menswalità u għotjiet

Infakkru 'il-membri li f'Diċembru jew Jannar għandhom jieħdu ħsieb iħallsu l-menswalita. Dan hu sors importanti wkoll ta' dħul għall-każin u hija turija ta' fiduċja fit-tmexxija tal-każin. Għal-laqgħa ġenerali li jmiss jkunu jistgħu jattendu biss dawk li jkunu aġġornati f'dan il-ħlas għas-sena 2008.

Kull għotja oħra hija apprezzata ħafna. Dawn huma sostenn meħtieġ ħafna biex nibqgħu għaddejjin bla waqfien fil-bosta ħidmiet li dħalna għalihom u oħrajn li huma ppjanati. **Ġrazzi mill-qalb**

## Rikonoxximent

Fil-wirja bl-isem "Anima" ta' xogħlijiet artistiċi ta' Antonio Mifsud li qed issir fil-Palazz tal-Inkwiżitur, il-Birgu, imtella' mill-Hertige Malta, hemm wieħed mill-kwadri tal-Via Crucis, li tifforma parti mill-wirjiet tal-Ġimgħa Mqaddsa fil-każin. Nifirħu lil Antonio u nħossuna kburin ta' dan ir-rikonoxximent.


# FREDDIE'S FOOTWEAR

**Sciortino Street, Żebbuġ • Tel: 2146 5915**


Bestprint Co. Ltd., Qrendi • Tel: 21 680 789